PDF Compressor Pro





*Gabriel (fin-nofs) flimkien mal-familja tiegħu. Jidhru mix-xellug oħtu Maria, Nicky Falzon, martu Monica u t-tifla Julia, il-missier Pawlu u ommu Ġuża, Gregory u Dun Roberto*

# Ordinazzjoni ta' Djaknu

Is-Seminarista Gabriel Gauci, mill-parroċċa ta' San Girgor il-Kbir u tal-Madonna tas-Sokkors f'Ta' Kerċem, ġie ordnat djaknu minn Mons. Isqof Mario Grech fil-Katidral t'Għawdex. Il-quddiesa tal-ordinazzjoni kienet tikkonsisti fost l-oħrajn mit-talb tal-litanija tal-qaddisin, mit-tqegħid tal-idejn mill-isqof u t-talba konsagratorja, mit-tlibbis tad-djaknu bl-istola djakonali u d-dalmatika, u mill-għoti tal-paċi mill-isqof u mis-saċerdoti kollha li kienu qed jikkonċelebraw. Il-liturġija ġiet animata bil-kant mill-kor djoċesan taż-żgħażagħ taħt id-direzzjoni ta' Dorienne Portelli.



*Waqt il-ftuħ tal-wirja*

# Wirja ta' Statwetti taż-Żewġt Idwal Kbar

Wirja ta' Statwetti antiki tal-Appostli San Pietru u San Pawl ittellgħet fis-Sala Joe Tabone, fil-bini tal-Kunsill Lokali tan-Nadur, bl-isem ta' *Duo Luminaria Magna* - Żewġt Idwal Kbar. Infetħet mis-Sindku Charles F. Said u tbierket mill-Arċipriet Jimmy Xerri.

Dawk li żaruha raw is-sabiħ tal-patrimonju nobbli Naduri u hija t-tielet mis-sensiela ta' esibizzjonijiet li jġibu l-isem ta' *Nadurjana* li qed jiġu organizzati minn żmien għal żmien mill-Kunsill Lokali tan-Nadur flimkien mal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl.



*Statwetti esibiti ta' San Pietru u San Pawl*

**MINN GĦAWDEX**



**ma' Charles Spiteri**



*Waqt it-Talba Konsagratorja*



*Waqt il-preżentazzjoni tal-kotba u ċ-ċertifikati. Jidhru mix-xellug Swor Francesca Abela, Kap tal-iskola, Danica Sultana, Lorna Jane Cini u Monique Camilleri, Assistenta Kap tal-iskola.*

# Studenti mill-iskola St Francis jieħdu sehem f'Kompetizzjoni Internazzjonali

Żewġ studenti mill-iskola St Francis, Victoria, li qegħdin fil-ħames sena, Lorna Jane Cini, minn Għajnsielem u Danica Sultana, mill-Munxar, kienu fost erbatax-il finalista minn 273 studenti li ħadu sehem f'kompetizzjoni internazzjonali għall-iskejjel.

L-istudenti kienu mitluba jiktbu ittra lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda, biex juruh il-ħtieġa li jiġu kkonservati r-*Rain Forests*. Flimkien ma' Lorna u Danica, kien hemm rebbieħa finalisti mir-Russja, Ghana, l-Indja, l-Amerka ta' Fuq, Montenegro, l-Ingilterra, Dubai u Samoa.

Il-preżentazzjoni tal-Premijiet u taċ-Ċertifikati saret fiċ-Ċentru tal-*Living Rainforest*, f'Berkshire l-Ingilterra. Billi l-istudenti Għawdxin ma setgħux jattendu, fl-iskola St Francis saret ċerimonja żgħira, fil-preżenza tal-istudenti l-oħra kollha tal-iskola, biex jirrikonoxxu dan is-suċċess.

Il-Kap tal-iskola Swor Francesca Abela ppreżentat sett kotba kull wieħed lil dawn iż-żewġ studenti, b'apprezzament tax-xogħol li għamlu. Iċ-ċertifikat li ngħatalhom kien mibgħut mill-Ingilterra miċ-Ċentru *Living Forests*, bil-posta.